# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 33

It-Tnejn, 16 ta' Marzu, 2026

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fis-2.00pm.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Abigail Micallef – Viċi Sindku (daħlet online)
Jonathan Mercieca – Kunsillier

SKUŻATI:

Frankie Attard – Kunsillier
Horace Vella – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

### 33.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

IlKunsilliera Horace Vella u Frankie Attard talbu li jiġu skużati minħabba raġunijiet ta' xogħol. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

### 33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-minuti tal-laqgħat preċedenti, jiġifieri laqgħat numri 31 u 32 u dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

### 33.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

33.3.1 Is-Sindku beda billi semma t-traffic management ta' quddiem l-iskola peress li n-naħa tas-supermarket iż-żebgħa mhix qegħda tajjeb. Tlabna lil TM jiggwidawna fuq dan.

33.3.2 Waqt li konna għaddejjin bix-xogħolijiet ta' bini ta' ħitan tas-sejjiegħ fi Triq il-Ġifna, saret Stop Notice peress li fejn hemm il-ħsieb li tinfetaħ it-triq, ma ħallewniex nibnu l-ħitan.

33.3.3 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill Lokali illi hemm konsultazzjoni pubblika dwar il-light pollution ġewwa d-Dwejra. Il-Kunsill issuġġerixxa illi jekk nistgħu, indaħħlu ukoll l-Għadira sabiex tkun area li tibda protetta mid-dawl.

33.3.4 Il-Kunsill Lokali irċieva talba sabiex jagħti No Objection għal permess tat-trenching fi Triq Xuxa, Triq San Girgor u Triq Santa Luċija. Il-Kunsill ta l-permessi sabiex isir it-trenching u jsiru dawn it-toroq bit-tarmak.

33.3.5 Il-GRDA qed titlob sabiex nidentifikaw postijiet fejn jistgħu isiru bike racks. Il-KL ssuġġerixxa li jsiru fejn il-Playing Field fil-Kumpless Sportiv Raymond Mercieca u ġewwa Ġnien il-Familja.

33.3.6 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi issa li dalwaqt ser jibda x-xogħol fuq il-playing field, il-ħaddiema tal-Kunsill ser ikunu qed iqattgħu il-parti tal-istencil fejn ġej ir-rubber flooring.

31.3.7 Il-Dipartiment għall-Gvern Lokali ħareġ diversi skemi li huma dawn li ġejjin:

- SPI/SCI/01/2026 – Attivitajiet Kulturali Annwali 2026 – Il-Viċi Sindku ssuġġeriet li nġibu lit-Travellers jew Ira Losco jew Tribali u nagħmlu attivita' mużikali b'saħħitha bihom. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment u ġiet deċiża d-data tat-22 ta' Awwissu possibbilment, dejjem skond id-disponibbilta' tal-artisti. Il-Kunsill qabel ukoll illi jiffinanzja l-bilanċ tal-flus minn kemm nieħdu mill-iskema.
- SPI/SCI/02/2026 – Lokalitajiet indaf – Il-Kunsill qabel li napplikaw biex issir

Clean up u nġibu aktar bins għal madwar ir-raħal.

- SPI/SCI/03/2026 – Finanzjament attivitajiet Milied 2026 – Il-Kunsill qabel li jerġa' japplika għal attivita' oħra tal-Milied fi Pjazza Salvatore Busuttil u nippruvaw inżidu mad-dekorazzjonijiet li għandna. Il-Kunsill qabel ukoll illi jiffinanzja l-bilanċ tal-flus minn kemm nieħdu mill-iskema.
- SPI/SCI/04/2026 - Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali – Il-KL qabel li m'għandux proġetti li jista' japplika għal din l-iskema.
- SPI/SCI/05/2026 – Komunita' aktar b'saħħithom u ta' kwalita' – Il-Kunsill Lokali qabel illi dwar din irid jaħseb aktar u jerġa' jiddiskuti.
- SPI/SCI/06/2026 – Karnival 2027 – Il-Viċi Sindku ssuġġeriet li nagħmlu qisu kors fejn inġibu lil xi ħadd jgħallem kif issir il-Prinjolata. Is-Sindku żied li nistgħu insibu persuna li tista' turi t-tfal kif jagħmlu maskla tal-Karnival. Dwar din l-applikazzjoni nerġgħu nitkellmu aktar fil-fond aktar 'l quddiem.

## 33.4 RENEW Project

Is-SE spjegat illi l-programm lest u għandna kollox ippreparat biex nilqgħu fostna r-rappreżentanti minn 5 pajjiżi.

## 33.5 Bordijiet ta' evalwazzjoni

Lura fil-laqgħa numru 29 tat-23 ta' Diċembru 2025, il-Kunsill Lokali kien approva illi illi l-bord ta' evalwazzjoni għall-offerti li kienu ġejjin ser ikun magħmul minn dawn il-persuni: Chairperson - Ms Michelle Vella, Evalwaturi – Dr Joshua Grech, l Accountant Daniel Galea, Ing. Mario Cauchi, Segretarja tal-Bord – Ms Marianne Sagona.

Wara li nħass il-bżonn illi jkun hemm persuna teknika oħra fuq il-bord, issa ġie deċiż illi l-persuni tal-bord ser ikunu dawn: Chairperson - Ms Michelle Vella, Evalwaturi – Dr Joshua Grech, Ing. Mario Cauchi u Ing. Jeffrey Muscat, Segretarja tal-Bord – Ms Marianne Sagona.

L-offerti aġġudikati minn dan il-bord ser ikunu dawn:
a. Second-hand truck;
b. Provision of electric pedestrian sweeper;
c. Provision of electric vacuum cleaner for waste collection;
d. Embellishment of playing field;
e. Works in alleys;
f. Street lighting maintenance.

## 33.6 Resurfacing fi Triq San Girgor

Peress li issa, skond il-permessi tat-trenching li rċevejna, ħa ssir Triq San Girgor bit-tarmak u f'dawn l-aħħar snin konna diġa' tkellimna u saru diversi pjanti dwar ir-riġenerazzjoni tal-Pjazza, is-Sindku ssuġġerixxa li nerġgħu nitkellmu mal-Perit tal-proġett sabiex jitkellem mal-kuntrattur tat-triq. Dan biex naraw li l-Kunsill xorta jaħseb għall-bankini, jitilqu l-wires minn mar-residenzi u quddiem il-Knisja jsir pavimentar kif kien pjanat. Sar qbil dwar dan.

## 33.7 Għad-Dell tal-Akwadott 2026

Is-Sindku qal li d-data prevista għal din l-attivita' hija l-1 ta' Awwissu 2026 u tlabna għal laqgħa sabiex niddiskutu l-proposta għal din is-sena.

## 33.8 Minn Pjazza għal Pjazza 2026

Wara li l-attivita' tas-sena li għaddiet kienet success kbir, il-Kunsill reġa' qabel illi jerġa' japplika. Ser nerġgħu ninkludu l-istudenti u nġibu l-kelliema. Ġbidna l-attenzjoni tas-Sur Andy Keen, li qed jgħinna f'din l-applikazzjoni, sabiex l-attivita' tal-Għadira tkun aktar *hands on* u ntellgħu l-iscreens u l-projectors sabiex in-nies ikunu jistgħu jaraw. Ser nerġgħu ukoll ndaħħlu l-kunċert tal-banda, din id-darba bit-tema tal-qamar u l-istilel.

## 33.9 Ċirkulari AKL 2026/020 GovTech4All – Malta Local Council AI Pilot Project

Il-Kunsill Lokali Rabat Għawdex daħal għal proġett b'dan it-titlu u talab li nkunu partners miegħu. Il-Kunsill qabel li nidħlu.

## 33.10 Ilmenti u Suġġerimenti

33.10.1 Is-Sindku ssuġġerixxa li nġibu l-brushes ta' mal-bobcat li ser inkunu qed inġibu permezz tat-tender li ġiet awarded issa. Sar qbil li nippruvaw inġibuhom bl-iskema.

33.10.2 Is-Sindku semma l-ħaddiema tal-CWS. Huwa qal li dejjem noqogħdu attenti kif nagħtuhom ix-xogħol u x'xogħol nagħtuhom. Konna tkellimna ma' ħaddiem li jingħata allowance fix-xahar għal meta jkun hemm bżonn li jsiru żewġ vieġi ta' bulky pero' żewġ vieġi ma saru kważi qatt avolja jkun hemm il-bżonn. Għalhekk, il-Kunsill ma jistax iħallas l-allowance ta' meta ma sarx ix-xogħol. Għaldaqstant, sar qbil li għandu jitħallas tax-xogħol li għamel u daqshekk.

33.10.3 Il-Kunsillier Jonathan Mercieca talab li jsiru tliet toqob tal-antarjoli fuq il-bankina ‘l fuq mill-Kunsill għal Kerċem Ajax sabiex itellgħu il-bnadar għall-kampjonat. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 33.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 33.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fl-4pm u ġiet aġġornata għall-15 ta’ April 2026, fis-2pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Mario Azzopardi<br>Sindku | Marianne Sagona<br>Segretarju Eżekuttiv |